

5.9.2013

A7-0242/ 001-018

**EMENDI 001-018**

mill-Kumitat għas-Sajd

**Rapport**

**Isabella Lövin**

**A7-0242/2013**

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tassallura Ewropea

Proposta għal regolament (COM(2012)0413 – C7-0202/2012 – 2012/0201(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa -1 (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(-1) Fuq il-bażi ta' informazzjoni li għandha tiġi provduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar l-eżitu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi, b'mod urġenti, miżuri adatti sabiex jinkiseb, bi probabbiltà kbira, l-irkupru tas-sallura Ewropea.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jeħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni bir-Regolament

(2) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jeħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni bir-Regolament

(KE) Nru 1100/2007 jiġu allinjati *mal-Artikoli 290 u 291* tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(KE) Nru 1100/2007 jiġu allinjati *mal-Artikolu 291* tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Sabiex jiġu applikati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007, is-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-teħid ta' miżuri sabiex tindirizza tnaqqis sinifikattiv fil-prezzijiet medji tas-suq għas-sallur użat għar-riforniment, imqabblin ma' dawk tas-sallur użat għal skopijiet oħrajn.

*Emenda*

(3) Sabiex jiġu applikati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007, is-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-teħid ta' miżuri sabiex tindirizza tnaqqis sinifikattiv fil-prezzijiet medji tas-suq għas-sallur użat għar-riforniment, imqabblin ma' dawk tas-sallur użat għal skopijiet oħrajn. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha fuq il-bażi tal-parir xjentifiku u r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi l-iktar riċenti, speċjalment fil-livell tal-esperti, sabiex tiżgura li l-informazzjoni disponibbli għaliha tkun imparzjali, preċiża, kompluta u aġġornata. Il-Kummissjoni, waqt it-tħejjija u t-tfassil tal-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja u fil-ħin tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) *Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-*

*Emenda*

*imħassar*

*trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 dwar l-approvazzjoni ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni għas-Sallur mill-Kummissjoni fuq il-bażi **ta' dejta** teknika u xjentifika, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

*Emenda*

(6) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 dwar l-approvazzjoni ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni għas-Sallur mill-Kummissjoni fuq il-bażi **tal-aqwa informazzjoni** teknika u xjentifika **disponibbli li tkun ukoll l-aktar reċenti**, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) L-ICES għandu jipprovdi parir ġdid u aktar komprensiv dwar l-istatus tal-istokkijiet tas-sallura fl-2013. Fit-thejjja ta' tali parir, l-ICES għandu jħares lejn il-kawżi kollha ta' tnaqqis fl-istokkijiet tas-sallura, anke f'rabta maż-żoni fejn dan ibid il-bajd. Fil-każ li l-ICES jikkonferma li l-istatus tal-istokkijiet tas-sallura għadu kritiku, il-Kummissjoni,**

*mill-iktar fiss possibbli, għandha tissottometti proposta għal regolament ġdid dwar l-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea. Dak ir-Regolament għandu jkopri wkoll soluzzjonijiet għat-terminu twil, bħal modi kif jiġu żblukkati l-passaġġi migratorji.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7a) Huwa importanti li l-Kummissjoni tippenalizza lill-Istati Membri li ma jkunux bagħtu jew analizzaw id-data kollha disponibbli għalihom sabiex ikun jista' jitfassal inventarju eżawrjenti u xjentifikament sod tas-sitwazzjoni fir-rigward tas-sallura Ewropea.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11a) Sakemm il-passaġġi migratorji jibqgħu magħluqa, ir-riforniment huwa l-unika miżura temporanja disponibbli biex is-sallura tiġi mgħejuna tirkupra. Meta t-trasferimenti tal-frieħ tas-sallur isiru skont l-aqwa Prattiki disponibbli, bħall-istandard għas-sostenibbiltà tas-sallur, dawn ikunu jikkostitwixxu mod effiċjenti biex tingħata spinta għall-irkuprar tas-sallur. Miżura oħra temporanja sabiex tingħata spinta għall-ħarba tas-sallur tal-fidda huwa li dawn jiġu trasferiti, bl-għajnuna umana, sabiex jegħlbu ostakoli bħal digi, impjanti tal-enerġija mill-ilma u pompi tal-ilma. Fi żmien meta s-sajjieda qed ifittxu okkupazzjonijiet alternattivi, il-*

*ħiliet tagħhom jistgħu jintużaw sabiex  
iħaffu l-irkupru tas-sallura Ewropea.*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1100/2007

Artikolu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa  
sostitwit b'dan li ġej:*

**“1. L-Istati Membri għandhom  
jidentifikaw u jiddefinixxu l-baċini ta’  
xmajjar individwali li jinsabu fit-  
territorju nazzjonali tagħhom li  
jikkostitwixxu *habitats* naturali għas-  
sallura Ewropea (baċini ta’ xmajjar tas-  
sallura), li jistgħu jinkludu ilmijiet  
marittimi. [...]”**

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1b (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1100/2007

Artikolu 2 – paragrafu 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1b) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 10 huwa  
sostitwit b'dan li ġej:*

**“10. Fil-Pjan ta’ Ġestjoni tas-Sallura,  
kull Stat Membru għandu jimplimenta  
miżuri adatti malajr kemm jista’ jkun  
għat-tnaqqis tal-mortalità tas-sallura  
kkawżata minn fatturi esterni għas-sajd,  
inklużi t-turbini idroelettriċi u l-pompi.  
Għandhom jittieħdu miżuri oħra meta  
jkun meħtieġ sabiex titnaqqas il-mortalità  
kkawżata minn fatturi oħra biex jintlaħqu  
l-miri tal-Pjan.”**

## Emenda 11

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 3 a (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1100/2007  
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

**"4. Stat Membru li jkun ippreżenta Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura lill-Kummissjoni għal approvazzjoni sa mhux aktar tard mill- 31 ta' Diċembru 2008, li ma jistax jiġi approvat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 jew li ma jissodisfax il-kundizzjojjiet ta' rappurtar u evalwazzjoni stipulati fl-Artikolu 9, għandu jnaqqas l-isforz tas-sajd b'mill-inqas 50 % relattivament għall-isforz medju użat mill-2004 sa l-2006 jew inaqas l-isforz tas-sajd sabiex jiżgura tnaqqis fil-qabdiet ta' sallura b'mill-inqas 50 % relattivament għall-qabda medja mill-2004 sa l-2006, billi jqassar l-istaġun tas-sajd għas-sallura jew b'mezzi oħrajn. Dan it-tnaqqis għandu jiġi implimentat fi żmien tliet xhur mid-deċiżjoni li ma jiġix approvat il-pjan jew fi żmien tliet xhur min-nuqqas ta' osservanza ta' skadenza ta' rrappurtar."**

## Emenda 12

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 3 b (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1100/2007  
**Artikolu 5 – paragrafu 7 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3b) Fl-Artikolu 5, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:*

**"7. Mill-1 ta' Jannar 2014, il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura kollha għandhom**

*jiġu riveduti u aġġornati kull sentejn, filwaqt li jiġqies il-parir xjentifiku l-aktar riċenti."*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 1100/2007

#### Artikolu 7 – paragrafi 6 u 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Fil-każ ta' tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet medji tas-suq għas-sallur użat għar-riforniment, imqabblin ma' dawk tas-sallur użat għal skopijiet oħrajn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 12a u sabiex tindirizza s-sitwazzjoni, tista' tnaqqas temporanjament il-perċentwali tas-sallur għar-riforniment użat kif imsemmi fil-paragrafu 2.

7. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard *mill-31 ta' Diċembru 2012*, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tevalwa l-miżuri li jikkonċernaw ir-riforniment, *inkluż* l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq."

##### *Emenda*

6. Fil-każ ta' tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet medji tas-suq għas-sallur użat għar-riforniment, imqabblin ma' dawk tas-sallur użat għal skopijiet oħrajn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 12a u sabiex tindirizza s-sitwazzjoni, tista' tnaqqas temporanjament il-perċentwali tas-sallur għar-riforniment użat kif imsemmi fil-paragrafu 2 *meta l-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura jkun konformi mal-Artikolu 2(4)*.

7. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard *mill-31 ta' Ottubru 2013*, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tevalwa l-miżuri li jikkonċernaw ir-riforniment, *filwaqt li tqis l-aktar pariri xjentifiċi reċenti dwar il-kundizzjonijiet li bihom x'aktarx li r-riforniment jikkontribbwixxi għal żieda fil-bijomassa ta' stokk li jbid. F'tali rapport il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq.*

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 4a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1100/2007

#### Artikolu 7 – paragrafu 8

*(4a) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

**"8. Ir-riforniment għandu jitqies bħala miżura ta' konservazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [EMFF], sakemm:**

**– ikun parti minn Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura stabbilit skont l-Artikolu 2;**

**– jikkonċerna sallur [...] maqbud u mmaniġġjat permezz ta' metodi u tagħmir li jggarantixxu l-inqas mortalità possibbli matul il-qbid, il-ħżin, it-trasport u t-tgħammir,**

**– iseħħ f'żoni fejn ikun hemm probabbiltà għolja ta' sopravivenza u migrazzjoni,**

**– jikkontribwixxi għall-kisba ta' 40 % tal-livell ta' ħarba mmirat kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), u**

**– is-sallur jitpoġġa fi kwarantina sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' kwalunkwe marda jew parassiti."**

## Emenda 15

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 1100/2007

Artikolu 9

*(5) Fl-Artikolu 9, jitħassar il-paragrafu 3.*

*(5) L-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

**"Artikolu 9**

#### **Rappurtar u evalwazzjoni**

**1. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-data tar-riċerka sabiex jikkwantifikaw l-impatt tal-miżuri meħuda fir-rigward tal-istokk tas-sallur, isibu miżuri ta' mitigazzjoni u jirrakkomandaw miri ta'**



*ġestjoni. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, inizjalment kull tliet snin, bl-ewwel rapport jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2012 u għandhom jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-kopri xjentifiċi maħtura. Minn dakinhar 'il quddiem, il-frekwenza tar-rappurtar għandha tiżdied għal darba kull sentejn, wara li jkun ġie ppreżentat l-ewwel rapport triennali. Ir-rapporti għandhom jiddeskrivu l-monitoraġġ, l-implimentazzjoni, l-effikaċja u l-eżitu, u b'mod partikolari għandhom jipprovdu l-aqwa estimi disponibbli ta':*

(a) għal kull Stat Membru, il-proporzjon tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda li taħrab għall-baħar sabiex tbiid, jew il-proporzjon tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda li tħalli t-territorju ta' dak l-Istat Membru bħala parti mill-migrazzjoni lejn il-baħar sabiex tbiid, relattiv għall-livell ta' ħarba mmirat stabbilit fl-Artikolu 2(4);

(b) il-livell tal-isforz tas-sajd għas-sallura kull sena, u t-tnaqqis li jsir *skont* l-Artikoli 4(2) u 5(4);

(c) il-livell ta' fatturi ta' mortalità barra mis-sajd, u t-tnaqqis li jsir *skont* l-Artikolu 2(10);

(d) l-ammont ta' sallur ta' tul iqsar minn 12-il ċm maqbud u l-proporzjonijiet ta' dan utilizzat għal skopijiet differenti;

(e) *ir-rata ta' sopravivenza ta' sallur rifornit, sew jekk matul is-sajd, it-trasport, ir-riforniment jew matul il-ħarba lejn baħar Sargasso biex ibid;*

(f) *l-identifikazzjoni, fuq bażi volontarja, tal-postijiet fejn ibid is-sallur li jinqabad.*

2. Il-Kummissjoni għandha *tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2013, rapport li jkun jikkonsisti minn evalwazzjoni statistika u xjentifika tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura, flimkien ma'*

*opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd. Abbażi tas-sejbiet ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tressaq proposti biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament sabiex jiddaħħlu fatturi tal-mortalità tas-sallur apparti s-sajd.*

**3. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013, tippreżenta evalwazzjoni tal-kummerċ tal-Unjoni u internazzjonali tas-sallur Ewropew, li tiffoka, b'mod partikolari, fuq il-konformità mal-obbligi tal-Unjoni skont is-CITES, u stima tal-kummerċ illegali tas-sallur Ewropew fl-Istati Membri. Dan ir-rapport għandu jidentifika l-inkonsistenzi fis-settijiet differenti tad-data disponibbli u jissuġġerixxi miżuri sabiex jitjieb il-monitoraġġ tal-kummerċ, inkluża modifika tal-kodiċijiet doganali eżistenti sabiex jiġi permess monitoraġġ aktar effettiv."**

## **Emenda 16**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1100/2007  
Artikolu 9a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5a) Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:**

**"Artikolu 9a**

**Miżuri ta' segwitu**

**Filwaqt li tqis is-sejbiet tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 7(7) u fl-Artikolu 9(3) u (3), kif ukoll kwalunkwe parir ġdid u aktar komprensiv ipprovdut mill-ICES dwar l-istatus tal-istokk tas-sallura Ewropea fl-2013, il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2014, tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida lill-Parlament u lill-Kunsill bl-għan li jinkiseb, bi probabbiltà għolja, l-irkupru tal-istokk tas-sallura**

*Ewropea. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni tista' tqis modi biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex tiddaħħal il-mortalità kkaġunata minn fatturi apparti s-sajd."*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 6**

Regolament (KE) Nru 1100/2007

Artikolu 12a – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-*delega tas-setgħat* imsemmija fl-Artikolu 7(6) għandha tkun ikkonferita għal perjodu *indeterminat* ta' *żmien*.

*Emenda*

2. *Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija* fl-Artikolu 7(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *tliet snin li jibda minn... \* Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

---

*\*ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

*Ġustifikazzjoni*

*Dejjem għandu jiġi stabbilit perjodu ta' żmien fiss għall-atti ddelegati.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni

*Emenda*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-

tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*  
***Għandu jiġi kkonsolidat mar-Regolament li qed jemenda fi żmien xahar minn meta jidħol fis-seħħ.***